MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 231/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Arthur Mercieca)**
**Vs**
**Omar Yusuuf Hodan**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli :

1. nhar id-9 ta’ Gunju, 2009 ghall-habta tad-9.30 p.m., gewwa Hal-Far, minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, permezz ta’ arma bil-ponta w li taqta’, volontarjament ikkagunat feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Habiba Abdi Naur, liema offiza x’aktarx tikkaguna debbulizza permanenti fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f’parti ta’ l-ghamla tal-gisem, skond kif iccertifika t-tabib Dr. Michael Spiteri M.D., mill-isptar Mater Dei;

2. filwaqt li kienet qed taghmel reat kontra l-persuna, kellha fuq il-persuna taghha xi arma regolari w ma gabitx prova xort'ohra li kienet qed igorr l-istess arma regolari bi skop legittimu;
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, zammet u garret arma li taqta' w bil-ponta minghajr ma kellha licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;
4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kisret il-paci w l-ordni pubbliku b'ghajjat u glied.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Gunju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 216, 218 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta w l-artikoli 6 u 55 tal-Kap. 480 u l-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellata hatja ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront taghha w ikkundannatha ghal perjodu ta' sentejn prigunerija, li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A dana l-perjodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien erba' (4) snin.
Il-Qorti wissiet lill-appellata bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-6 ta' Lulju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien ta' htija izda flok piena karcerarja sospiza timponi piena karcerarja effettiva skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellata esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, fil-qosor, jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti meta mponiet il-piena ma mxietx ma dak li normalment jaghmlu l-Qrati f'kazijiet simili w cioe' fejn hawn il-vjolenza b'arma tigi mposta piena karcerarja effettiva. Illi jidher li l-Qorti giet influenzata mill-fatt li l-appellata ddikjarat li kienet se titlaq minn Malta fil-jiem li gejjin. Illi aparti l-fatt li l-ebda provi fuq dan ma ngabet,

huwa pjuttost inverosimili li dan isehh. Illi ghalhekk f'dan il-kaz kellha tigi mposta piena karcerarja effettiva.

Semghet ix-xhieda ta' Dr. Catherine Camilleri.

Ikkonsidrat;

Illi dan l-appell tal-Avukat Generali hu limitat ghall-piena erogata ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba snin. Jigi ribadut li din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni, normalment ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fl-applikazzjoni tal-piena, sakemm dik il-piena ma tkunx tezorbita mill-parametri tal-ligi jew ma tkunx manifestament wahda esagerata. (Ara. "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**" [14.6.1999] , "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**" [24.4.2003] u ohrajn.) Illi kif kellha okkazzjoni tghid din il-Qorti, dan il-principju japplika ugwalment kemm f' appelli li jsiru mill-persuna misjuba hatja, kif ukoll f' appelli intavolati mill-Avukat Generali.

Illi huwa minnu li bl-emendi ghall-Kodici Kriminali li gew introdotti bl-Att III tas-sena 2002, u partikolarment bl-introduzzjoni tal-art. 413 (1) ( c ), l-Avukat Generali nghata dritt t' appell b' mod generali fil-kazijiet kollha li ma jaqghux taht dawk kontemplati fis-sub sub-inciz (b) tal-artikolu 413(1) u dan ovvjament jinkludi appell dwar il-piena, pero', fil-fehma ta' din il-Qorti, ikun alkwantu odjuz li l-Avukat Generali, b' mod selettiv, jirrikorri lil din il-Qorti biex jiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti w jitlob piena aktar harxa.

F' dan il-kaz il-piena ghall-ewwel imputazzjoni decizament hija entro l-parametri tal-ligi. Di fatti kemm jekk jigi applikat l-artikolu 216 (offiza gravi) - bi jew minghajr ic-cirkostanza ta' offiza gravi fuq il-persuna b' arma regolari skond l-artikolu 217 - kif ukoll jekk jigi applikat l-artikolu 218 (l-offiza gravissima) il-piena minima ghar-reat ipotizzat hija ferm inqas minn sentejn prigunerija. Anki bl-applikazzjoni tar-regoli tal-konkors tar-reati w pieni skond l-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali fir-rigward tar-reati l-ohra kollha

ammessi mill-appellata, hu possibbli li tinghata sentenza kumulattiva ta’ prigunerija li ma taqbisx is-sentejn. Ghalhekk, gjaladarba hu possibbli li tinghata piena karcerarja li ma taqbizx is-sentejn, f’ dan il-kaz kien decizament possibbli ghall-Ewwel Qorti li tapplika l-provvedimenti kontenuti fl-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali kif fil-fatt ghamlet.

Ghalhekk mhux il-kaz li l-Ewwel Qorti applikat xi piena jew provvediment li ma setghatx tapplika skond il-ligi.

Il-kwistjoni ghalhekk tibqa’ wahda soggettiva ta’ revizjoni tad-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti w xejn aktar.

Jekk il-legislatur irid jirrestringi l-uzu, uzu zejjed, jew forsi ukoll abbuz minn dawn il-provvedimenti minnu introdotti fl-ahhar snin, ghandu mezzi ohra kif jirrimedja s-sitwazzjoni w dana billi jemenda l-ligijiet b’ mod li l-applikazzjoni ta’ dawn it-tip ta’ provvedimenti mill-Qrati tigi cirkoskritta w ma tithalliex fid-diskrezzjoni tal-Qrati individwali, ghax dan jista’ jservi biex jaghti lok ghall-applikazzjoni ta’ gustizzja priva minn kull xorta ta’ uniformita’ w certezza u li tiddependi biss mill-fehma soggettiva tal-gudikant individwali.

Li jrid u hemm bzonn isir *“de lege condenda”* hu li l-ligi tirrestringi l-paramentri vastissimi tal-pieni applikabbli fil-Kodici Kriminali w fid-diversi ligijiet specjali li jgibu maghhom sanzjoni penali ghall-parametri aktar specifici w identifikabbli, li tigi ristretta l-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-art. 28A et seq. tal-Kodici Kriminali w tal-Kap.446 u fl-ahhar, izda mhux l-inqas, li tigi formulata “*sentencing policy*” li tkun tirrispondi ghaz-zieda fil-kriminalita’ w l-aspetti godda li qed tiehu fiz-zminijiet tal-lum.

Sakemm dan isir, jekk isir, din il-Qorti, bhala linja generali, thoss li ghandha  tezercita’ l-poteri taghha ta’ revizjoni tal-pieni erogati mill-Ewwel Qorti, fuq appelli tal-prosekuzzjoni minn decizjonijiet tal-Qrati tal-Magistrati, aktar fil-kazijiet fejn ikun hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, bhal fil-kaz fejn ikunu nghataw pieni inqas minn dawk minimi

specifikati fil-ligi meta ma jkunux jikkonkorru l-elementi necessarji ghall-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, milli f’ kazijiet tal-applikazzjoni tad-diskrezzjoni entro l-parametri tal-ligi, kif inhu f’ dal-kaz.

Mix-xhieda ta’ Dr. Catherine Camilleri, quddiem din il-Qorti, rrizulta li l-appellata kellha titlaq minn Malta f’Lulju, 2009 ghal Franza skond lista ta’ persuni ammessi f’dak il-pajjiz. Pero’ li gara kien li minhabba l-pubblicita’ li nghatat fil-mezzi tax-xandir lis-sentenza appellata, l-awtoritajiet Francizi ddecidew li jnehhuha mill-lista.

Ghalhekk meta l-appellata kienet informat lill-Ewwel Qorti li kienet ser issiefer fil-granet li kienu gejjin, ma kienet bl-ebda mod qed tidhaq bl-Ewwel Qorti. Konsegwentement dan l-aggravju tal-Avukat Generali hu nfondat.

F’ kull kaz, din il-Qorti, wara li qieset il-fedina penali incensurata tal-appellata, l-ammissjoni bikrija w ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, ma tarax li ghandha xi raguni impellenti biex tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-erogazzjoni tal-piena.

Ghalhekk l-aggravju tal-Avukat Generali qed jigi respint.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell tal-Avukat Generali w tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------